## 1 MINUTI

2 GVERN LOKALI TA' XBIEX

3 IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 – 2017

SEDUTA NRU 41

L-ERBGĦA 4 TA' NOVEMBRU 2015 FIS-6.30 TA' FILGĦAXIJA

## PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| MATTHEW DIMECH | AĠENT SEGRETARJU EŻEKUTTIV |

## SKUZAT

| | |
|---|---|
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |

## TALBA

IS-SINDKU QAL IT-TALBA

## 1. Approvazzjoni tal-Minuti

T Castelletti talab korrezzjoni fl-aħħar sentenza ta' paġna 2, sabiex is-sentenza tiġi taqra:

"T Catelletti u G Muscat oġġezzjonaw li din tiġi diskussa, dan peress li ħadd mill-Kunsilliera għadu ma eżamina il-pjanti proposti. Huma ma jaqblux li għandu jkun hemm *fixed kiosk*, dan għal diversi raġunijiet, fosthom il-prinċipju li ma għandux jiġi użat spazju pubbliku għal skop ta' kummerċ, kif ukoll ma għandux jitnaqqas il-parkeġġ iżjed milli diġa tnaqqas".

Il-minuti ġew approvati u iffirmati.

## 2. Komunikazzjoni mis-Sindku.

- Is-Sindku informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni min ħanut għal *Un/Loading Bay* fi Triq Enrico Mizzi ma ġietx approvata min Transport Malta.
- Is-Sindku qal, iżda, li applika ħanut ieħor ghal *Un/Loading Bay* fi Triq Testaferrata. Il-ħanut jismu 'Arjakon', u din ġiet aċċettata min Transport Malta bħala *Communal Un/Loading Bay.*
- Is-Sindku preżenta dokumentazzjoni li turi illi l-fondi tal-manutenzjoni tal-berġa daħlu fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill.

Il-laqgħa ġiet sospiża. Hin: 18.45

Saret preżentazzjoni min Dott. Malcolm Borg fuq il-ħidma tiegħu riċenti u dwar kif il-ħlas tiegħu isir skond il-proġett li jkun applika għalih il-Kunsill.

Huwa spjega kif hemm tlett fażijiet tax-xogħol tiegħu:

1. Timtela l-applikazzjoni u tiġi sottomessa (F'din il-fażi issir ir-riċerka ta' *partners* għal proġett)
2. L-applikazzjoni tġi aċċettata u tibda il-fażi ta' *project management*
3. Isiru ir-rapporti neċessarji li bihom jinġiebu il-fondi.

Hemm żewġ tipi ta' proġetti:

a) Fejn jingħata *management costs* (fejn il-fondi iħallsu l-immaniġjar tal-proġett).
   Fejn hemm din il-possibilta, ma jitħallasx jien biss Dott. Borg konsulent, imma jitħallsu ukoll l-impjegati tal-uffiċju mill-fondi tal-proġett
*b)* Hemm proġetti oħra, bħal *twinning*, li ma jtikx fondi għal *management costs.*

Il-laqgħa kompliet. Ħin: 19.10

T Castelletti ħareġ mill-laqgħa. Ħin: 19.10

## 3. Proġett Triq il-Watar

Is-Sindku qal li l-perit lesta il-pjanti u *draft tender*.

Is-Sindku issuġerixxa li narawhom flimkien u wara mmorru għand ir-residenti biex nikonsultaw magħhom fuq dan il-proġett.

Is-Sindku qal li l-pjanti ser ikunu għand Anna sabiex il-Kunsilliera jkunu jistgħu jifluhom u jgħatu *feedback* dwarhom.

## 4. Dwal tal-Milied.

Is-Sindku qal dan il-Kunsill beda bi triq waħda biss, Triq Abate Rigord.

Is-Sindku jaħseb li missna nfittxu biex ngħamlu triq oħra, bħal:

- Triq Abate Rigord
- Triq il-Prinċipessa Margerita
- Triq Tal-Knisja
- Dawra tal-funtana

Il-Kunsill approva *budget* ta' Eur3500 għat-tiżjien tal-Milied.

## 5. Party tal-Milied ghal Anzjani u Dinner Dance.

Il-Kunsill qabel li festin tal-Milied isir nhar is-Sibt 12 ta' Diċembru 2015.

Sar qbil ukoll li d-*Dinner Dance* ssir wara il-Milied. Tista ssir jew it-2 jew id- 9 ta' Jannar 2016.

## 6. Fuljett tal-Kunsill.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsilliera sabiex kulħadd jgħamel l-artikolu tiegħu għal fuljett tal-Kunsill.

KUNSILL LOKALI TA' XBIEX SEDUTA NUMRU 41– 04.11.15
IS-SEBA' LEĠISLATURA

## 7. Approvazzjoni tal-pagamenti tal-kontijiet.

Is-Sindku ressaq il-lista tal-pagamenti tal-kontijiet għall-approvazzjoni.

Il-lista ġiet approvata u iffirmata.

**8. Karnival 2016**

Il-Kunsill qabel illi nkellmu lill-istess organiżatur tas-sena l-oħra għax kellna esperjenza pożittiva miegħu.

Il-laqgħa ntemmet. Ħin: 20.15

Max Zammit
Sindku

Matthew Dimech
Aġent Segretarju Eżekuttiv